MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2015

Numru. 1106/2005

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**ANTHONY CALLEJA**

**Kump.Nru. 1106/2005**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Anthony Calleja** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru **220357M** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Dicembru 2005, gol-fond numru 134, Triq 10 ta' Frar, Qawra ghall-habta tal-hdax (23:00hrs) ta' filghaxija;

a) Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Calleja (782357M) skond ma ccertifika t-tabib Dr. N. Vassallo MD (reg. No. 1929), tad-Dipartiment tal-Kura Primarja, Mosta;

b) Talli fl-istess lok fil-lejl ta' bejn il-10 u l-11 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta ta' nofs il-lejl (00:00hrs), ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS635 Alan George Calleja, PS935 Patrick Cassar, PC300 Alfred Abela u PC210 Salvatore Lagrasta bhala ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu armi regolari (zewg cross-bows) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

d) Ukoll talli fl-istess data, lok,hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu strumenti li jaqtghu u bil-ponta (tlett '*shuriken*') minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 13, tal-Kapitolu 66;

e) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjuta li jaghti jew ta falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra ai termini tal-artikolu 338(g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Talli fl-istess post, data, u hin kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat, u storbju kif ukoll dagha u kliem fahxi;

g) Ukoll talli ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu, nhar il-11 ta' Dicembru 2005, gol-ufficju tal-Ispettur Mifsud gol-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS635 Alan George Calleja, PS935 Patrick Cassar, PC300 Alfred Abela u PC210 Salvatore Lagrasta akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti ai termini tal-Artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h) U fl-ahhar talli ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu, nhar il-11 ta' Dicembru 2005, gol-ufficju tal-Ispettur Mifsud, gol-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li mar sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar ai termini tal-artikolu 110(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali li jinsab *a folio* 123 u l-kunsens ta` l-imputat li jinsab *a folio* 163;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Minnufih din il-Qorti sejra tiddikjara li mhux ser tiehu wisq fit-tul biex iggib fit-tmiem dan il-kaz li ilu pendenti minn Dicembru tas-sena 2005.

Dak li irrizulta sodisfacentement minn dan il-procediment, bis-sahha tax-xhieda varji u tad-dokumentazzjoni esebita hu illi fil-lejl tal-10 ta` Dicembru 2005, gewwa r-residenza matrimonjali tal-familja ta` l-imputat, ghall-habta tal-11.00pm, kien hemm incident verbali

bejn l-imputat u martu Josephine Calleja. Jidher li l-imputat qal xi kliem dispregattiv lill-martu u hija rrispondietu lura. L-imputat jidher li imbotta lil martu li minhabba li waqet, garrbet griehi hfief f'wiehed mis-swaba. L-imputat ingiref f'ghonqu. Minnufih, mart l-imputat telqet mir-residenza, gabret lit-tlett uliedha (li dak il-hin kienu ghadhom barra), u baqghet sejra l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra biex taghmel rapport dwar dak li gara u sabiex tinghata l-assistenza mill-pulizija.

Il-pulizija, erba b'kollox, marru fir-residenza tal-konjugi Calleja, dahlu bil-permess ta` Josephine Calleja, u telghu fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm l-imputat taht il-lizar. Josephine Calleja w uliedha baqghu barra mill-kamra tas-sodda. Minn hawn 'l quddiem, l-imputat irreagixxa hazin u ikkomplika l-affarijiet ghal xejn. Beda jghid lill-pulizija biex jitilqu minn daru; ma riedx jaghtihom il-partikolaritajiet, b'arroganza qalilhom li hu kien jismu 'James Bond', li jekk ma jitilqux il-barra kien ser ikun hazin ghalihom, li kien ser jassigura li jnezzahhom l-uniformi, uza l-kelma 'pufta' fil-konfront ta` wiehed mill-pulizija, u qal li ma jibzax mill-pulizija u mill-qorti. Il-pulizija regghu talbuh biex jikkollabora, iqum mis-sodda u jilbes, izda meta raw li ma kienx koperattiv hadu d-decizjoni biex jimmanettjawh. Uzaw il-minimu tal-forza, immanettjawh u haduh maghhom l-ghassa kif kien bil-hwejjeg ta` taht (ftit hin wara pero`, mart l-imputat marret l-ghassa bil-hwejjeg).

Ftit hin wara saret tfittxija fuq allegazzjoni ta` mart l-imputat u instabu mus, turnavit irqieq, u tlett stilel tan-ninja, ilkoll fil-komodina. Mart l-imputat ghaddietilhom ukoll zewg 'crossbows'. Hlief ghat-turnavit, l-oggetti l-ohra kollha gew esebiti mill-Ispettur Josric Mifsud (ara *folio* 96).

Waqt li l-imputat kien qed jigi investigat mill-Ispettur tal-Pulizija, huwa allega li kien gie aggredit u msawwat mill-pulizija fil-hin ta` l-arrest bil-manetti – ara f'dan is-sens l-istqarrija ta` l-imputat *a folio* 3 *et sequitur*; wkoll, l-imputat ippersista f'dawn l-allegazzjonijiet waqt ix-xhieda tieghu nhar id-29 ta` Mejju 2013 – ara *a folio* 187 *et sequitur*.

Irrizulta ampjament mill-provi medici illi mart l-imputat sofriet griehi hfief (ara c-certifikat mediku li jinsab *a folio* 18 ta` l-atti) waqt l-argument li kellha ma zewgha l-imputat f'dik il-lejla partikolari. U rrizulta wkoll li l-imputat sofra griehi hfief, li pero` gew dikjarati li kienu kompatibbli ma uzu ragonevoli tal-forza (f'dan il-kaz mill-pulizija biex ikunu jistghu

jimmanettjawh meta l-imputat kien qed jirrifjuta li jikkollabora u rrezista l-arrest) – ara f'dan is-sens ir-relazzjoni tat-Tabib Mario Scerri, nominat fl-inkjesta, li tinsab *a folio* 67 *et sequitur*.

Dan hu principalment dak li rrizulta f'dan il-kaz u l-imputat konsegwentement tressaq sabiex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-ewwel udjenza, dik tat-12 ta` Dicembru 2005, propju meta tressaq quddiem il-Qorti, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (c) u (d).

Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni migjuba fil-paragrafu (a), apparti li tirrizulta sodisfacentement skond il-ligi, din il-Qorti ser izzomm quddiem ghajnejha li mart l-imputat, Josephine Calleja, permezz tad-dikjarazzjoni taghha li tinsab *a folios* 179 u 180, hafret lil zewgha.

Minn ezami akkurat tal-provi rizultanti, din il-Qorti hi tal-fehema li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-kaz taghha wkoll ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (b) u (e). Minn naha l-ohra, mhux l-istess jista jinghad ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (f), (g) u (h) u dana peress illi mill-provi prodotti ma jirrizultawx l-estremi ta` tali imputazzjonijiet. F'dan il-kuntest din il-Qorti tiehu din l-opportunita` sabiex tiddeplora l-atteggjament ta` l-imputat meta huwa lissen kliem ossia allegazzjonijiet fil-konfront tal-pulizija, meta l-istess membri tal-korp kienu qed jaghmlu xogholhom u effettivament xogholhom ghamluh sewwa. U tant kemm kien fjakk l-imputat f'dak li kien qed jallega, li fil-fehema ta` din il-Qorti, l-allegazzjonijiet ta` l-imputat ma kienu xejn hlief hanqa ta` hmar. Dawn ir-rizultanzi jincidu fuq l-element intenzjonali rikjest ghar-reati dedotti fil-paragrafi (g) u (h), liema element intenzjonali huwa nieqes.

Din il-Qorti izzid u tirrileva illi l-imputat ma impressjona xejn b'dak li xehed fl-udjenza tad-29 ta` Mejju 2013. Il-verzjoni moghtija minnu qed titqies bhala wahda fjakka, u f'partijiet minnha

l-imputat jipprezenta lilu nnifsu bhala persuna li ma tistax toqghod fuqu. Il-verzjoni moghtija minnu ma hi xejn konfortata minn dak kollu rizultanti.

B'referenza ghall-Artikoli indikati mill-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizio* li jinsab *a folio* 123, din il-Qorti hi tal-fehema li wkoll ma jirrizultawx l-estremi tar-reat kif migjub fl-Artikolu 96 tal-Kap 9.

**Ikkunsidrat**;

Fil-kuntest tal-piena jew sanzjoni din il-Qorti giet mitluba biex tikkonsidra, u in effetti hekk ser taghmel, il-fatt li l-fedina penali ta` l-imputat tista titqies bhala wahda kwazi nettissima, l-eta` mhux zghira ta` l-imputat, il-mahfra minn naha ta` martu, u l-fatt li llum huma separati skond il-ligi. Il-Qorti qed tqis ukoll li dak li qal u lissen l-imputat fil-konfront tal-pulizija, ghalkemm definittivament mhux sewwa u deplorevoli, kien biss paroli fil-vojt, liema diskors incida sew fuq il-kredibilita` ta` l-imputat innifsu – in effetti, l-imputat ma kien kredibbli xejn. Kien hu u hu biss li holoq dan l-incident inutili, liema incident seta facilment gie evitat kieku l-imputat gab ruhu sew ma martu u ma l-awtorita` tal-pulizija kif hu mistenni f'socjeta` civili.

**Konkluzjoni**;

**Ghall-motivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 95, 96, 101, 109, 110(2), 214, 221(1), 222(1)(a), 338(g), 338(m), 338(bb), 338(ee) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 13, 19 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 66 u d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi kif gej :

A. Issib lill-imputat mhux hati ta` l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (f), (g) u (h), u minnhom tilliberah skond il-ligi;
B. Issib lill-imputat hati ta` l-imputazzjonijiet migjuba fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e), u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta` hames mitt Euro (€500).

Inoltre, tordna l-konfiska skond il-ligi tal-oggetti esebiti ossia t-tlett stilel tal-metal (shuriken), iz-zewg crossbows, u l-pen-knife (mus).

Inoltre, tordna lill-hati Anthony Calleja sabiex ihallas lir-Registratur l-ispejjez ta` l-espert nominat f'dan il-procediment t-Tabib Mario Scerri. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------